

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kunsill tal-Istat (Raad van State, il-Belġju) fis-17 ta' Lulju 2015 – Denis Malcorps et vs Ir-Reġjun Fjamming (Vlaams Gewest); il-parti l-oħra fil-proċedura: Awtorità portwali muniċipali ta' Antwerp (Gemeentelijk Havenbedrijf Antwerpen)

(Kawża C-388/15)

(2015/C 354/21)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Il-Kunsill tal-Istat

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Denis Malcorps, Myriam Rijssens, Guido Van De Walle.

Konvenut: Ir-Reġjun Fjamming

Intervenjenti: L-Awtorità portwali muniċipali ta' Antwerpen

Domanda preliminari

Il-pjan reġjonali ta' implementazzjoni tal-iżvilupp jinkludi fih regoli ta' ppjanar ta' natura leġiżlattiva li jiprovd li l-iżvilupp ta' żoni (iktar preċiżament assenjati għall-impriżi portwali u marbuta mal-passaġġi tal-ilma, ma' park loġistiku, mal-infrastrutturi tal-passaġġi navigabbi u mal-infrastrutturi tat-toroq u ta' trasport) li fihom jinsabu riżorsi naturali (żoni ta' tip ta' habitat naturali jew habitat ta' speċi li għalihom ġiet iddiċċjarata ż-żona speċjalisti ta' konservazzjoni/żona ta' protezzjoni speċjalisti kkonċernata) li jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' konservazzjoni taż-żoni speċjalisti ta' konservazzjoni/żoni ta' protezzjoni speċjalisti kkonċernati, huwa biss possibbli wara l-ħolqien ta' habitat sostenibbli f'żoni b'qalba ekoloġika (li huma inklużi fiż-żona Natura 2000) u wara deċiżjoni tal-Gvern Fjamming, adottata wara opinjoni bil-quddiem mill-amministrazzjoni Fjamminga kompetenti fil-qasam tal-konservazzjoni tan-natura, li tikkonstata s-suċċess tal-ħolqien sostenibbli taż-żoni ta' importanza ekoloġika, liema deċiżjoni għandha tkun inkluża fl-applikazzjoni għal permess ta' ppjanar relativ għall-implementazzjoni tal-faċilitajiet imsemmija iktar 'il fuq.

Dawn ir-regoli ta' ppjanar u l-iżvilupp pożittiv taż-żoni ta' importanza ekoloġika previsti minnhom jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-eventwali konsegwenzi sinjifikattivi u/jew fl-evalwazzjoni xierqa, konformement mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats" ⁽¹⁾, jew għandu jiġi kkunsidrat li dawn jistgħu jikkostitwixxu biss "miżuri kumpensatorji" fis-sens tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva "Habitats", sa fejn il-kundizzjonijiet iffissati minn din id-dispożizzjoni jkunu ġew sodisfatti?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaggia (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social nº 33 de Barcelona (Spanja) fit-22 ta' Lulju 2015 – Mohamed Daouidi vs Bootes Plus S.L.

(Kawża C-395/15)

(2015/C 354/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Social nº 33 de Barcelona

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Mohamed Daouidi

Konvenuti: Bootes Plus S.L., Fondo de Garantía Salarial u Ministerio Fiscal